MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Numru. 198/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur James Grech)**

**vs.**

**Josmar Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Josmar Pace**, ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben George u Mary neé Cefai, imwieled Pietà nhar l-10 ta' Novembru 1986 u li joqghod Flat 17, Block 6, Triq San Publiju, Floriana, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 519486(M), akkuzat talli:

1. nhar is-16 ta' Settembru 2008, ghall-habta tal-11.30am gewwa l-banka tal-lottu nru. 121 (numru tal-agenzija 102026) fi Triq San Kristofru, Valletta, ikkommetta serq ta' flus liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu ta' Marco Micallef u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Sandy Scerri kontra l-volonta' taghha;

3. filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "JM 3" – *a fol.* 22).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 13).

Rat l-atti kollha li jiffurmaw parti mill-*Proces Verbal* numru 518/12 redatt mill-Magistrat Dr. Michael Mallia u finalizzat mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit (Dok. "CF 1" – *a fol.* 19).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Semghet, fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2015, lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jaghmlu s-sottomissjonijiet finali taghhom (*a fol.* 72 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.
Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, xehed **Marco Micallef** (*a fol.* 14) fejn beda billi qal li huwa sid il-banka tal-lottu numru 121, fi Triq San Kristofru, Valletta. Jghid li huwa kien sid il-banka anke fis-16 ta' Settembru 2008. Jispjega li dakinhar kien irraporta serqa minn gewwa l-imsemmija banka f'liema serqa nsterqu l-ammont ta' madwar sitt mitt Euro (€600). Jghid li ma kienx prezenti meta saret is-serqa pero qal li s-serqa sehhet ghal xi l-11.30am. Jghid li fil-hin tas-serqa fil-banka tal-lottu kien hemm l-assistenta tieghu Sandy Scerri wahidha.

**Marco Micallef** xehed ukoll quddiem il-Perit Tekniku s-Sur Vincent Ciliberti mahtur fl-Inkjesta Magisterjali[1] fejn xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom meta xehed quddiem il-Qorti. Lill-Perit Tekniku s-Sur Ciliberti, Micallef qallu li Scerri cemplitlu cirka l-11.05am, huwa cempel l-Ghassa tal-Pulizija tal-belt Valletta fil-11.15am u madwar zewg minuti wara waslet vettura tal-*mobile* tal-Pulizija.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur James Grech** (*a fol.* 16) fejn ikkonferma r-rapport li kien sar lill-Magistrat Inkwirenti, liema rapport jinsab *a fol.* 6 u 7 tal-*Proces Verbal* (Dok. "CF 1" – *a fol.* 19). Jixhed li dan ir-rapport kien sar in segwitu ta' rapport dwar *hold-up* li kien sar go banka tal-lottu numru 121 fi Triq San Kristofru, Valletta fis-16 ta' Settembru 2008.

[1] Dok. "CF 1" – *a fol.* 19 tal-process u *a fol.* 29 *et seq.* tal-*proces verbal*.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2013, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Joseph Mercieca** (*a fol.* 17 *et seq.*) fejn beda billi ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati minn Dok. "JM 1" sa "JM 7" (*a fol.* 18B u 20 *et seq.*). Xehed li ttiehdu tlitt stqarrijiet minn ghand l-imputat, liema stqarrijiet gew ezebiti minnu.

Id-depozizzjoni tal-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Joseph Mercieca** tkompliet fl-istess seduta (*a fol.* 33 *et seq.*) fejn xehed rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' rapport li kien ghamel Marco Micallef fis-16 ta' Settembru 2008 ghall-habta tal-11.30am fl-Ghassa tal-Pulizija tal-belt Valletta, liema rapport ghamlu bhala sid tal-banka tal-lottu numru 121, jew illum agenzija 102026, fi Triq San Kristofru, Valletta li kien ghadu kemm gie nfurmat mill-assistenta tieghu Sandy Scerri li kienet fil-banka tal-lottu li kien ghadu kemm sehh *hold-up* fuqha. Spjega x'kienet qalet Sandy Scerri lill-Pulizija u li kienet infethet Inkjesta Magisterjali mill-Magistrat Dr. Michael Mallia li hatar diversi esperti biex jassistuh. Xehed rigward l-informazzjoni kunfidenzjali li kienet tatu certa sinjura Cauchi li qalet li kienet rat wiehed mit-tfal tal-Gandhi jhuf fl-akwati. Jghid li fil-25 ta' Novembru 2008 Cauchi kienet indikat lill-imputat bhala l-persuna li kienet rat ihuf quddiem il-banka tal-lottu dakinhar tal-*hold up* fl-istess hin. Jghid li kien urieha sett ta' disa' ritratti, inkluz l-erba' ahwa subien Pace (inkluz l-imputat), fejn identifikat lill-imputat bhala l-persuna li ghamlet riferenza ghalih. Jghid li minkejja li tkellem ma' omm dawn is-subien Pace, din ma tantx ikkooperat u li ghall-bidu l-idea taghhom kienet f'Alan Pace. Jghid li hu (l-iSpettur Mercieca) l-ewwel kellem lill-imputat fit-28 ta' Novembru 2008 u hadlu stqarrija. Jghid li l-imputat cahad li kellu xi konnessjoni mal-*hold-up* in kwistjoni. Jghid li wara li gie verifikat mas-socjeta' GO plc dwar il-linja tal-*mobile* li l-imputat kien juza dak iz-zmien, cioé 79961131, irrizulta li z-zewg smses li kien rcieva dakinhar tas-serqa (wiehed fil-11.12am u iehor fil-11.14am) jpoggu lill-imputat fid-dintorni tal-belt Valletta meta l-imputat qal li kien qieghed Marsascala ma' ta' l-i*scammel*. Jghid li fuq il-linja msemmija, kien ricevut sms iehor fil-11.29am li kien inqabad mill-antenna li tinsab fiz-zona industrijali ta' Kordin. Jghid li l-imputat kien rega' gie nterrogat fis-17 ta' Dicembru 2008 fejn l-imputat baqa' isostni li bejn il-11.00am u l-11.30am ma kienx il-belt Valletta. Jghid li l-

*mobile* tal-imputat gie elevat dakinhar tas-17 ta' Dicembru 2008 u li l-imputat ikkonferma li l-linja 79961131 hija tieghu u kien jaghmel uzu minnha hu stess u li l-*mobile* jgorru fuqu. Jixhed li fl-4 ta' Dicembru 2008 il-Magistrat Inkwirenti zamm *Identification Parade* gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn il-persuna Scerri, li fuqha sar il-*hold-up*, identifikat lill-imputat bhala l-persuna li dahal fuqha u fejn Ms. Cauchi identifikat lill-imputat bhala l-persuna li kienet rat ihuf quddiem il-banka tal-lottu in kwistjoni dak il-hin tas-serqa. Jghid li l-imputat gie nterrogat ghat-tielet darba fit-13 ta' Frar 2013 fejn l-imputat baqa' jsostni l-pozizzjoni tieghu.
Illi, fis-16 ta' Settembru 2008, **Sandy Scerri** xehdet quddiem il-Perit Tekniku s-Sur Vincent Ciliberti fl-Inkjesta Magisterjali[2] fejn qalet li hija mpjegata tal-banka tal-lotto proprjeta' ta' Marco Micallef. Tghid li dakinhar fil-ghodu kienet xoghol fil-banka tal-lottu u ghal habta tal-11.00am kienet wahidha u dahal ragel, u ddeskrivitu u qalet li kellu xugaman f'idejh. Tghid: *"deher li fix-xugaman kellu arma li jien ssuspettajt li kien xi senter ghax kien twil"* (*a fol.* 27 tal-*proces verbal*). Tghid li dan qalilha biex taghtih il-flus sakemm jghodd tlieta u ghaddietlu l-ammont ta' sitt mitt Euro (€600), poggiehom fil-but u hareg il-barra. Tghid li cemplet lil sid il-banka tal-lottu. Sandy Scerri regghet xehdet quddiem il-Perit Tekniku s-Sur Ciliberti fejn qalet li l-persuna li wettaq ir-reat kellu cirka tnejn u ghoxrin sena[3].

Fid-19 ta' Settembru 2012, Sandy Scerri kkonfermat bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit[4] li meta saret l-*Identification Parade* kienet indikat lil Josmar Pace[5].

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014 quddiem il-Qorti, xehdet **Sandy Scerri** (*a fol.* 62 *et seq.*) in kontro-ezami fejn qalet li l-persuna fil-banka tal-lottu kellu xaghru lixx. Tghid li ma kellux xaghru mqaxxar.

Illi, fis-16 ta' Settembru 2008, **Marthese Cauchi** xehdet quddiem il-Perit Tekniku s-Sur Vincent Ciliberti fl-Inkjesta Magisterjali[6] fejn

[2] Dok. "CF 1" – *a fol.* 19 tal-process u *a fol.* 26 *et seq.* tal-*proces verbal*.
[3] Dok. "CF 1" – *a fol.* 19 tal-process u *a fol.* 37 tal-*proces verbal*.
[4] F'din l-inkjesta, il-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit ssostwit lill-Magistrat Inkwirenti Dr. Michael Mallia meta gie elevat ghall-Imhallef.
[5] Dok. "CF 1" – *a fol.* 19 tal-process u *a fol.* 101 tal-*proces verbal*.
[6] Dok. "CF 1" – *a fol.* 19 tal-process u *a fol.* 32 *et seq.* tal-*proces verbal*.

qalet li hija *local warden* u dakinhar tas-16 ta' Settembru 2008 kienet xoghol fi Triq ir-Repubblika kantuniera ma' Triq San Kristofru fil-belt Valletta. Tghid li ghall habta tal-11.10am-11.15am avvicinaha persuna li qalilha li huwa sid banka tal-lottu u li kienu ghadhom kif ghamlulu *hold-up* fil-banka. Tghid li meta spiccat mill-ghassa taghha, semghet lit-tfajla li tahdem fil-banka tal-lottu taghti deskrizzjoni ta' min kien wettaq ir-reat u skond din id-deskrizzjoni li tat hi setghet tiftakar li fil-hin li kienet fil-kantuniera rat persuna ghaddejja tliet darbiet quddiemha li kien liebes l-istess ilbies u lwien. Tghid li taf li dan il-persuna ghandhom il-laqam tal-Gandhi u li ghandu cirka sbatax/tmintax il-sena.

Fid-19 ta' Settembru 2012, Marthese Cauchi kkonfermat bil-gurament quddiem il-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit li meta saret l-*Identification Parade* kienet indikat lil Josmar Pace. Tghid li l-ahwa Pace jixxiebhu pero r-raguni li lill-Magistrat Dr. Michael Mallia talbitu biex il-persuni fl-*Identification Parade* jimxu ghax l-imputat: *"ghandu mixja aghar minn ta' hutu"*[7].

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2014 quddiem il-Qorti, xehdet **Marthese Cauchi** (*a fol.* 57 *et seq.*) in kontro-ezami fejn spjegat li dakinhar tas-serqa kienet xoghol fi Triq ir-Repubblika kantuniera ma' Triq San Kristofru. Immarkat bl-ittra "X" fuq mappa ezebita mid-difiza u mmarkata bhala Dok. "MD 1" (*a fol.* 60) fejn kienet hi dakinhar tas-serqa. Tghid li fejn kienet ma setghetx tara l-banka tal-lottu. Tghid li lill-imputat ma gharfitux. Wara li saritilha riferenza ghal dak li qalet fl-Inkjesta Magisterjali lill-espert Tekniku rigward il-familja Gandhi, tghid: *"Jiena just ghidt li dawn in-nies joqghodu hemm u setghu ghaddew minn dik it-triq"* (*a fol.* 58). Tghid li tant qeghdin ahwa l-imputat u hutu li ma taghrafhomx kollha. Tghid li lill-imputat tafu biss minn wiccu. Tghid li lill-imputat ma ratux diehel fil-banka tal-lottu.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2013, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 38) in segwitu tan-nomina moghtija lilu mill-Qorti fit-28 ta' Ottubru 2013 sabiex johrog il-kontenut tac-cellulari u tas-sim card (Dok. "JM 7" – *a fol.* 18B). Ipprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "MB 1" (*a fol.* 39 *et seq.*).

[7] Dok. "CF 1" – *a fol.* 19 tal-process u *a fol.* 100 tal-*proces verbal*.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-ewwel stqarrija (Dok. "JM 4" – *a fol.* 23 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata fit-28 ta' Novembru 2008, meta l-imputat gie mistoqsi x-xoghol kien qed jaghmel dakinhar tas-serqa in kwistjoni, l-imputat wiegeb li kien ma' tal-i*scammel* Wied il-Ghajn. Jghid li dakinhar lesta mix-xoghol ghal xi l-11.00am u kellu jaqbad il-karrozza tal-linja minn Wied il-Ghajn lejn il-belt Valletta. Jghid li dakinhar kien qed jigbor iz-zibel mal-imghallem bl-isem ta' Wilfred u ma persuna ohra ismu ma ftakrux. Jichad li huwa kien qieghed jitlajja' quddiem il-banka tal-lottu ezatt qabel ma din sfat misruqa u dana kif gie allgat minn persuna.

Illi, fit-tieni stqarrija (Dok. "JM 5" – *a fol.* 25 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata fis-17 ta' Dicembru 2008, meta gie mistoqsi jghid jekk il-*mobile* tieghu jiehdux fuq ix-xoghol, wiegeb fl-affermattiv pero qal li jitfieh. Jghid li l-linja tal-*mobile* tieghu hija 79961131 u qal li din kienet ilha ghandu aktar minn sitt xhur. Jghid li l-*mobile* tieghu qatt ma silfu lil xi hadd. Mistoqsi jghid kif jispjega li l-*mobile* kien fid-dintorni tal-belt Valletta u dana meta huwa qed jghid li dakinhar tas-serqa kien xoghol gewwa Wied il-Ghajn, wiegeb: *"Ma jidhirlix li kont il-Belt. Ghax jien fil-hdax ta' filghodu inkun nistenna tal-linja Wied il-Ghajn u wasalt il-Belt ftit qabel il-11.30am"* (*a fol.* 26). Jghid li baqa' sejjer id-dar u wara ghand it-tfajla fil-Hamrun. Mistoqsi jghid kif huwa cert li dakinhar tas-serqa, bejn il-11.00am u l-11.30am ma kienx il-belt Valletta, wiegeb: *"Ghax ahna dejjem ghal xi l-11 nispiccaw mix-xoghol"* (*a fol.* 26).

Illi, fit-tielet stqarrija (Dok. "JM 6" – *a fol.* 28 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata fit-13 ta' Frar 2013, u liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt, meta l-imputat gie mitlub jispjega ruhu ahjar dwar il-fatt li dakinhar tas-serqa in kwistjoni huwa setgha kien xoghol aktar kmieni filghodu pero jirrizulta li fil-hin tas-serqa kien il-belt Valletta, wiegeb: *"Jien kont xoghol dakinhar u zgur li ghamilt sal-11am"* (*a fol.* 29). Jichad li ghamel xi haga relatata mas-serqa.

Mistoqsi jghid jekk il-linja tal-*mobile* li kellu dak iz-zmien, kienitx 79961131, wiegeb: *"Minghalija iva, ghax issa ilu naqra"* (*a fol.* 29). Wara li gew moqrija lilu l-istqarrija rilaxxata minnu fit-28 ta' Novembru 2008 u fis-17 ta' Dicembru 2008, meta giet mistoqsi jghid jekk ghandux xi haga x'izid, inaqqas jew xi haga li ried jirtira, ibiddel jew jiccara, wiegeb: *"Le xejn"* (*a fol.* 29). F'din l-istqarrija kkonferma dak li qal fiz-zewg stqarrijiet rilaxxati minnu qabel.

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawza l-imputat qed jigi akkuzat b'diversi imputazzjonijiet relatati mas-serqa li huwa allegatament wettaq dakinhar tas-16 ta' Settembru 2008.

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma vera u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti, ghandhom jigu ppruvati *oltre* kull dubbju ragjonevoli, cioé oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubbju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat <u>mir-raguni</u> u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi <u>kollha</u>, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi dak li l-ewwel trid tistabbilixxi l-Qorti fil-kawza odjerna huwa jekk jezistux provi bizzejjed li jwasslu sabiex jigi pruvat li effettivament kien l-imputat li wettaq is-serqa mill-banka tal-lottu dakinhar tas-16 ta' Dicembru 2008 f'liema banka tal-lottu kien hemm Sandy Scerri. F'kaz li dan jigi pruvat, il-Qorti ser tghaddi biex tanalizza l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat separatament.

Illi l-Qorti jirrizultalha s-segwenti:

- Marthese Cauchi tat informazzjoni kunfidenzjali lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Joseph Mercieca li rat lill-wiehed mit-

tfal tal-Gandhi (cioé tal-familja tal-imputat) fl-akwati fejn sehhet is-serqa u fil-hin in kwistjoni.

- Minn disa' ritratti li l-iSpettur Mercieca wera lil Cauchi, Cauchi identifikat lill-imputat bhala l-persuna li ghamlet riferenza ghalih.

- Fl-istqarrijiet rilaxxati[8] minnu lill-Pulizija, l-imputat cahad li kellu xi involviment u jsostni li fil-hin tas-serqa ma kienx il-belt Valletta pero jghid li kien ma' tal-i*scammel* Wied il-Ghajn.
- Mill-investigazzjonijiet redatti mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li wara li gie verifikat mas-socjeta' GO plc dwar il-linja tal-*mobile* li l-imputat kien juza dak iz-zmien, cioé 79961131, irrizulta li zewg smses li kien rcieva (wiehed fil-11.12am u iehor fil-11.14am) jpoggu lill-imputat fid-dintorni tal-belt Valletta. Irrizulta wkoll li fuq il-linja msemmija, kien ricevut sms iehor fil-11.29am li kien inqabad mill-antenna li tinsab fiz-zona industrijali ta' Kordin.

- Fl-*Identification Parade* mizmum fl-4 ta' Dicembru 2008 fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, l-imputat gie identifikat minn Sandy Scerri bhala l-persuna li fuqha sar il-*hold-up* u Cauchi identifikat lill-imputat bhala l-persuna li rat fl-akwati tal-banka tal-lottu in kwistjoni dak il-hin tal-akkadut.

- Il-Qorti tinnota li meta saret l-*Identification Parade*, Marthese Cauchi talbet lill-Magistrat Inkwirenti Dr. Michael Mallia sabiex il-persuni komposti l-*line up* jimxu quddiemha peress li l-persuna li rat dakinhar tal-*hold-up* kellu mixja partikolari. Din it-talba giet milqugha. Quddiem il-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit (li ssostwit lill-Magistrat Dr. Michael Mallia bhala Magistrat Inkwirenti), Cauchi filwaqt li kkonfermat bil-gurament li kienet indikat lil Josmar Pace, qalet li minkejja li l-ahwa Pace jixxiebhu, l-imputat: *"ghandu mixja aghar minn ta' hutu"*[9].

---

[8] Minkejja li l-ewwel zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputat lill-Pulizija gew rilaxxati meta persuna arrestata ma kellhiex dritt tikkonsulta ma' avukat, meta ttiehdet it-tielet stqarrija, l-imputat nghata dan id-dritt u huwa hadu u f'liema stqarrija l-imputat, fost l-ohrajn, ikkonferma l-istqarrijiet rilaxxati minnu qabel.
[9] Dok. "CF 1" – *a fol.* 19 tal-process u *a fol.* 100 tal-*proces verbal.*

Illi minkejja li fl-istqarrijiet rilaxxati minnu lill-Pulizija l-imputat jichad li huwa kien il-belt Valletta fil-hin tas-serqa u minkejja li Marthese Cauchi, fid-depozizzjoni moghtija minnha fil-Qorti, fil-prezenza tal-imputat, ma kienitx cara, pero jibqa' l-fatt li fl-*Identification Parade* kemm Cauchi kif ukoll Scerri identifikaw lill-imputat. Il-Qorti jirrizultalha li l-*Identification Parade* mizmuma quddiem il-Magistrat Inkwirenti saret skond il-ligi u m'hemm xejn x'jigi kkummentat dwarha b'mod negattiv jew li jista' jxekkel dak li sar fiha. Il-fatt li Cauchi sahansitra gharfet il-mixja tal-imputat ikompli jsahhah il-konvinciment tal-Qorti li effettivament l-imputat kien il-belt Valletta dak il-hin tas-serqa u li kien huwa li kkommetta tali serqa.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Serq kwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur)**:
Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li jezistu ragunijiet bizzejjed ghal biex l-imputat jigi misjub hati talli kkommetta s-serqa tal-banka tal-lottu mertu ta' dawn il-proceduri. L-ewwel imputazzjoni taghmel riferenza wkoll ghal tliet kwalifiki: dik tal-vjolenza, tal-mezz u tal-valur. Il-Qorti tinnota li l-kwalifika tal-valur gie pruvat, u dana *stante* li Scerri tixhed li hija ghaddiet is-somma ta' sitt mitt Euro lill-imputat. Fir-rigward tal-kwalifika tal-vjolenza, il-Qorti tinnota li s-Sur Vincent Ciliberti fl-Inkjesta Magisterjali[10] Sandy Scerri qaltlu li l-persuna li wettaq is-serqa kellu xugaman f'idejh. Tghid: *"deher li fix-xugaman kellu arma li jien ssuspettajt li kien xi senter ghax kien twil"* (*a fol.* 27 tal-*proces verbal*). Minn dan biss, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-imputat effettivament kienx armat jew le u b'hekk il-kwalifika tal-vjolenza ma tirrizultax. Fir-rigward tal-kwalifika tal-mezz, anqas din ma tirrizulta. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel (1) imputazzjoni bil-kwalifika tal-valur biss.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**
**(Arrest, Detenzjoni jew Sekwestru kontra l-Ligi)**:
Illi ma jirrizultax li l-imputat arresta, zamm jew xi hin issekwestra lil Sandy Scerri u b'hekk it-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma tirrizultax u l-imputat ser jigi liberat minnha.

[10] Dok. "CF 1" – *a fol.* 19 tal-process u *a fol.* 26 *et seq.* tal-*proces verbal*.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess ta' Armi tan-Nar Waqt l-Ghemil ta' Reat)</u>**:
Illi l-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghal konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-kwalifika tal-vjolenza taht l-ewwel (1) imputazzjoni, tinnota, ghall-istess ragunijiet, li anke t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li huwa biss r-reat ta' serq aggravat bil-valur taht l-ewwel (1) imputazzjoni li gie sodisfacentement pruvat.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat fil-konfront tal-imputat u li gie pruvat, l-ammont misruq u l-fedina penali tal-imputat (Dok. "JM 2" – *a fol.* 21) minn liema jirrizulta li l-imputat diga nstab hati tar-reat ta' serq u nghata sentenza ta' *probation*.

Illi l-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat. Minflok il-Qorti hija tal-fehma li piena ta' prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat tkun aktar opportuna fic-cirkostanzi bil-ghan li l-imputat jifhem li dak li huwa ghamel dakinhar tas-16 ta' Settembru 2008 fil-banka tal-lottu in kwistjoni kien hazin hafna u jaghraf ma jergghax jirripetih.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-kwalifiki tal-vjolenza u tal-mezz imsemmija fl-ewwel (1) imputazzjoni u ma ssibux hati wkoll tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija kwalifiki u mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat Artikoli 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Josmar Pace hati tal-ewwel (1) imputazzjoni [cioé ta' serq kwalifikat bil-valur **<u>biss</u>**] u tikkundannah ghal perijodu ta'

tnax (12) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur millum ihallas is-somma ta' elf, mija u hdax-il Euro u sitta u sebghin centezmu (€1111.76) liema somma tirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz.[11]

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[11] Dr. Martin Bajada (€343.36) (*a fol.* 42 *tergo*); Is-Sur Vincent Ciliberti (€370.99) (*a fol.* 20 *tergo* tal-*proces verbal* li jinsab *a fol.* 19 tal-process); PS 1184 Patrick Grech (€11.65) (*a fol.* 55 tal-*proces verbal* li jinsab *a fol.* 19 tal-process); PC 453 Brian Cassar (€43.06) (*a fol.* 61 tal-*proces verbal* li jinsab *a fol.* 19 tal-process); PC 6 Duncan Demicoli (€130.30) (*a fol.* 66 tal-*proces verbal* li jinsab *a fol.* 19 tal-process); Dr. Martin Bajada (€212.40) (*a fol.* 74 *tergo* tal-*proces verbal* li jinsab *a fol.* 19 tal-process).